Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja
Triq l-Assedju l-Kbir
Il-Furjana VLT 2000

www.kunsilltalmalti.gov.mt
kunsilltalmalti@gov.mt

# L-ISMIJIET UFFIĊJALI TAL-LOKALITAJIET TA' MALTA U GĦAWDEX

Diffikultajiet Komuni Mwieġba

## 1. Il-lista bl-ismijiet tal-**bliet u rħula** bil-Malti u bl-Ingliż

| MT | EN |
|---|---|
| Birkirkara | Birkirkara |
| Birżebbuġa | Birżebbuġa |
| Bormla | Cospicua |
| Għajnsielem | Għajnsielem |
| Ħ'Attard | Ħ'Attard |
| Ħad-Dingli | Ħad-Dingli |
| Ħal Balzan | Ħal Balzan |
| Ħal Għargħur | Ħal Għargħur |
| Ħal Għaxaq | Ħal Għaxaq |
| Ħal Kirkop | Ħal Kirkop |
| Ħal Lija | Ħal Lija |
| Ħal Luqa | Ħal Luqa |
| Ħal Qormi | Ħal Qormi |
| Ħal Safi | Ħal Safi |
| Ħal Tarxien | Ħal Tarxien |
| Ħaż-Żabbar | Ħaż-Żabbar |
| Ħaż-Żebbuġ | Ħaż-Żebbuġ |
| Il-Belt Valletta | Valletta |
| Il-Birgu | Vittoriosa |

| | |
|---|---|
| Il-Fgura | Fgura |
| Il-Fontana [1] | Fontana |
| Il-Furjana | Floriana |
| Il-Gudja | Gudja |
| Il-Gżira | Gżira |
| Il-Ħamrun | Ħamrun |
| Il-Kalkara | Kalkara |
| Il-Marsa | Marsa |
| Il-Mellieħa | Mellieħa |
| Il-Mosta | Mosta |
| Il-Munxar | Munxar |
| Il-Qala | Qala |
| Il-Qrendi | Qrendi |
| In-Nadur | Nadur |
| In-Naxxar | Naxxar |
| Ir-Rabat [2] | Rabat, Malta |
| Ir-Rabat, Għawdex | Victoria |
| Is-Siġġiewi | Siġġiewi |
| Is-Swieqi | Swieqi |
| Ix-Xagħra | Xagħra |
| Ix-Xewkija | Xewkija |
| Ix-Xgħajra | Xgħajra |

[1] Għalkemm l-ismijiet 'It-Triq tal-Għajn' (fil-liġi 'Il-Fontana'), 'Wied il-Għajn' (fil-liġi 'Marsaskala') u 'Raħal Ġdid' (fil-liġi 'Paola') mhumiex fil-lista uffiċjali tal-ismijiet tal-lokalitajiet fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fit-taħdit jintużaw ħafna. Għaldaqstant, il-Kunsill tal-Malti jħeġġeġ biex dawn l-ismijiet sbieħ bi storja twila nibqgħu nużawhom ukoll fil-kitba bil-Malti ħalli ma jintilfux.

[2] Tista' tintuża wkoll 'Ir-Rabat, Malta' jew 'Ir-Rabat (Malta)' f'każ li jkun meħtieġ.

| | |
|---|---|
| Iż-Żebbuġ | Żebbuġ, Gozo |
| Iż-Żejtun | Żejtun |
| Iż-Żurrieq | Żurrieq |
| L-Għarb | Għarb |
| L-Għasri | Għasri |
| L-Iklin | Iklin |
| L-Imdina | Mdina |
| L-Imġarr | Mġarr |
| L-Imqabba | Mqabba |
| L-Imsida | Msida |
| L-Imtarfa | Mtarfa |
| L-Isla | Senglea |
| Marsaskala [3] | Marsaskala |
| Marsaxlokk | Marsaxlokk |
| Paola [4] | Paola |
| Pembroke | Pembroke |
| San Ġiljan | St Julian's |
| San Ġwann | San Ġwann |
| San Lawrenz | San Lawrenz |
| San Pawl il-Baħar | St Paul's Bay |
| Santa Luċija | Santa Luċija |
| Santa Venera | Santa Venera |
| Ta' Kerċem | Ta' Kerċem |

[3] Ara nota 1

[4] Ara nota 1

| | |
|---|---|
| Ta' Sannat | Ta' Sannat |
| Ta' Xbiex | Ta' Xbiex |
| Tal-Pietà | Tal-Pietà |
| Tas-Sliema | Tas-Sliema |

**2.** Il-lista bl-ismijiet tal-**gżejjer** bil-Malti u bl-Ingliż

| | |
|---|---|
| Malta | Malta |
| Għawdex | Gozo |
| Kemmuna | Comino |
| Kemmunett | Cominotto |
| Filfla | Filfla |
| Il-Gżejjer ta' San Pawl *(Selmunett)* | St Paul's Islands |

**3.** Il-lista bl-ismijiet tal-**komunitajiet lokali** bil-Malti u bl-Ingliż

| | |
|---|---|
| Baħar iċ-Ċagħaq | Baħar iċ-Ċagħaq |
| Bubaqra | Bubaqra |
| Burmarrad | Burmarrad |
| Fleur-de-Lys | Fleur-de-Lys |
| Gwardamanġa | Gwardamanġa |
| Ħal Farruġ | Ħal Farruġ |
| Il-Baħrija | Baħrija |
| Il-Kappara | Kappara |
| Il-Madliena | Madliena |
| Is-Swatar | Swatar |
| Ix-Xlendi | Xlendi |
| Marsalforn | Marsalforn |

| | |
|---|---|
| Paceville | Paceville |
| Santa Luċija, Għawdex | Santa Luċija, Gozo |
| St Peter | St Peter |
| Tal-Virtù | Tal-Virtù |

## 4. Nota fuq il-prefiss **Ħal** *(taqsira ta' raħal)*

a) Il-kelma **Ħal** qatt ma tieħu sing magħha meta tispiċċa bil-konsonanti **l**.

Għalhekk niktbu: Ħal Safi, Ħal Balzan, Ħal Kirkop (u ismijiet ta' nħawi oħra bħal, Ħal Far, Ħal Millieri u Ħal Muxi). Niktbu wkoll Ħal Luqa u Ħal Lija.

b) Imma meta Ħal tinbidlilha l-konsonanti **l**, tieħu s-sing.

Għalhekk niktbu: Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli u ismijiet ta' nħawi oħra, bħal Ħas-Saptan u Ħas-Sajjied.

ċ) Dawn l-ismijiet, kemm meta miktubin waħedhom u kemm meta f'kuntest, nibdewhom dejjem b'ittra kbira.

Eż. *F'Ħal Għaxaq u Ħal Luqa m'għamlitx xita imma f'Ħal Għargħur u Ħal Qormi niżlet qliel!*

## 5. Nota fuq il-prefiss **Ta'**

a) L-ismijiet bit-**Ta'** jinkitbu kif ġej u dejjem b'ittra kbira.

Eż. *Il-Kunsill Lokali (jew) Il-lokalità ta' Ta' Xbiex*

*Il-Kunsill Lokali/lokalità ta' Tas-Sliema*

*Il-Kunsill Lokali/lokalità Ta' Sannat*

*Il-Kunsill Lokali/lokalità Ta' Kerċem*

*Il-Kunsill Lokali/lokalità Tal-Pietà*

*Il-komunità ta' Tal-Virtù*

b) Niktbu wkoll:

*Il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali / Il-Villaġġ tal-Artiġjanat ta' Ta' Dbieġi / Il-Kumpless Sportiv ta' Tal-Qroqq / Il-barrieri Tal-Balal / L-iskola sekondarja Tal-Ħandaq / L-appartamenti Tal-Ibraġ / Il-Fortizza Ta' Giorni / Is-Santwarju Ta' Pinu / L-irdumijiet Ta' Ċenċ*

## 6. Nota għall-kitba tal-ismijiet **bil-Malti u bl-Ingliż**

Fl-ismijiet li ħadu l-kitba Maltija, nużaw dejjem **l-ittri tal-Malti**. Dan japplika kemm f'kitba bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż. Mela: Birżebbuġa u qatt ~~Birzebbuga~~[5].

## 7. L-ismijiet **bil-Malti**

a) Meta l-ismijiet tal-lokalitajiet li jieħdu l-artiklu jidhru waħedhom (eż. f'titlu, indirizz, mappa, tabella uffiċjali), l-artiklu tagħhom jinkiteb dejjem b'ittra kbira.

Eż. (indirizz): *100, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Il-Mellieħa MLĦ 1107*

b) Meta l-ismijiet jidhru f'kuntest jew f'lista, l-artiklu jinkiteb b'ittra żgħira jew jingħaqad mal-prepożizzjoni.

Eż. 1 (lista): *Il-maratona se tgħaddi mill-Ħamrun, il-Blata l-Bajda u l-Imsida.*

Eż. 2 (kuntest ieħor): *Il-knisja tal-Mosta hi akbar minn tar-Rabat.*

Eż. 3 (eżempji oħra varji):

*L-iskejjel primarji tal-Imtarfa u l-Imqabba. Niktbu wkoll 'ir-raba' tal-Imtaħleb' u z-'Zona Industrijali tal-Imrieħel'.*

*Malajr wasalna għax l-Iklin mhux bogħod min-Naxxar.*

*Ħaż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ mhumiex l-istess post! F'Għawdex m'hemmx irħula li jibdew bil-Ħal.*

## 8. L-ismijiet **bl-Ingliż**

a) L-ismijiet li għandhom il-prefiss (mhux artiklu) Ħal u Ta', fl-Ingliż jinkitbu bil-prefiss ukoll għax huwa parti integrali mill-isem.

Eż. *We left Tal-Virtù, drove through Ħ'Attard and Ħal Balzan and finally arrived at Ta' Xbiex.*

b) L-ismijiet kollha li fil-Malti jieħdu l-artiklu, fl-Ingliż iwaqqgħuh.

Eż. *There are more internet subscribers in Siġġiewi and in Xewkija than in Mdina and Munxar.*

ċ) L-ismijiet stabbiliti li għandhom forma differenti mill-isem Malti, jibqgħu jintużaw fl-Ingliż.

Eż. *The localities of St Julian's and St Paul's Bay are very popular among tourists.*

*The events will be held in Vittoriosa and Valletta.*

[5] Lanqas ~~Birzebbugia~~. Bl-istess mod, fil-Malti u fl-Ingliż ma nużawx ~~Gwardamangia~~, ~~Marsascala~~ u ~~Santa Lucia~~.

## 9. It-taqsiriet

a) It-taqsiriet **mhux rakkomandat** li jintużaw, la fil-Malti u lanqas fl-Ingliż. Madankollu, f'każ li jkun hemm verament bżonnhom, tajjeb li jinżamm standard wieħed u jitniżżlu kif ġej kemm fil-Malti u kemm fl-Ingliż:

| | |
|---|---|
| Birkirkara | B'Kara |
| Birżebbuġa | B'Buġa |
| Għajnsielem | Għ'Sielem |
| Gwardamanġa | G'Manġa |
| Marsalforn | M'Forn |
| Marsaxlokk | M'Xlokk |
| Marsaskala | M'Skala |

b) Il-lokalitajiet b'isem ta' qaddis/a titqassrilhom l-ewwel biċċa b'dan il-mod:

**San** titqassar **S.** *(eż. S. Ġwann)* u **Santa** titqassar **Sta** *(eż. Sta Luċija*[6]*)*

## 10. It-titli tal-bliet

| | |
|---|---|
| Il-Belt Valletta | Città Umilissima [7] |
| L-Imdina | Città Notabile |
| Il-Birgu | Città Vittoriosa |
| L-Isla | Città Invicta |
| Bormla | Città Cospicua |
| Ħal Qormi | Città Pinto |
| Ħaż-Żebbuġ | Città Rohan |
| Ħaż-Żabbar | Città Hompesch |
| Is-Siġġiewi | Città Ferdinand |
| Iż-Żejtun | Città Beland |
| Ir-Rabat, Għawdex | Città Victoria |

[6] It-taqsira **Sta** ma nagħmlulhiex punt warajha

[7] Mit-Taljan, fit-titli kollha niktbu **Città** (mhux ~~Ċitta'~~): jiġifieri (a) **C** bla tikka, (b) bl-aċċent **à**